TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 57/16/F

**Anna u Raymond Aquilina**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Marzu, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti spejjeż f'riżultat ta' ħruq li sar mill-forn.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtraw forn u meta ġie mqabbad mit-technician, nesa li fil-forn kien hemm l-*instruction book* illi ħa n-nar u li kkawża nar ġewwa l-kċina, u għalhekk qed jitolbu spejjeż tat-tibjid u spejjeż tal-ħasil tal-purtieri.

L-intimat issottometta li bidlulhom il-forn a spejjeż tagħhom għax ammettew li sar żball, pero' meta saqsewhom jekk hemmx xi ħsarat oħra, huma qalulhom li ma kien hemm xejn iktar.

Illi t-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata għamlet minn kollox sabiex tiprova taqdi lir-rikorrenti wara li ammettew li sar żball illi nsew l-*instruction book* fil-forn u ħa n-nar, pero' wieħed irid ikun raġjonevoli għad-danni li qed jitlob. It-Tribunal, jinnota li wkoll meta s-soċjeta' ntimata saqsiet lir-rikorrenti jekk għandhomx xi danni oħrajn wara li bidlu l-forn u dawn qalu li ma kien hemm xejn.

It-Tribunal pero' qiegħed japprezza għal li jista' jkun illi l-forn ħa n-nar u li seta' kien hemm xi spejjeż.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888